# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 19 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru: 307/2014 CSH**

**Anton u Maria Dolores konjugi Ferris**

**vs**

**Silvana Ferris**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi li gie pprezentat fir-Registru ta' din l-Qorti nhar l-4 ta' Settembru 2014 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta' tmint elef, hames mija u wiehed u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€8,571.55) ammont minnha dovut lillhom bhala sehemha mis-somma ta' sbatax-il elf, mija u tlieta u erbghin ewro u ghaxar centezmi (€17,143.10) imhallsa minnhom lill-Bank of Valletta p.l.c. fejn l-istess atturi qaghdu bhala garanti ghall-imsemmija somma akbar u dan skond kuntratt ta' rahan iffirmat bejnha, bejn il-mittenti u bejn l-imsemmi Bank datat fil-25 ta' Marzu 2005, u liema ammont ghadu pendenti sal-gurnata ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u kif ukoll imghaxijiet mid-data ta' meta

sar l-imsemmi pagament lill-Bank of Valletta p.l.c. sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta' **Silvana Ferris** li giet ipprezentata fl-24 ta' Novembru 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi hija m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

a. *Illi l-atturi kien qaghdu bhala garanti ghall-eccipjenti u ghal binhom Mark Ferris skond kuntratt ta' rahan iffirmat mal-Bank of Valletta p.l.c. fil-25 ta' Marzu 2005 (vide dokument A). Mark Ferris u l-eccipjenti kienu hadu overdraft mal-istess bank, liema kont ta' overdraft numru 40014153783, infetah fit-23 ta' Marzu 2005 u kien intestat f'isem Mr Mark Anthony and Mrs Silvana Ferris a/c Customs Services. L-istess facilita' giet imgedda fis-sena 2006 (vide dokument B).*
b. *Illi sussegwentement l-eccipjenti u Mark Anthony Ferris infirdu legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat min-Nutar Clinton Bellizzi nhar il-25 ta' Frar 2008 (dokument C). Skond l-istess kuntratt il-konjugi Ferris kienu tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti u ghazlu li r-regime matrimonjali jkun applikabbli ghaz-zwieg taghhom kellu jkun dak ta' separazzjoni tal-beni. Inoltre d-dejn relattiv mal-facilita' ta' overdraft imsemmija (kont numru 40014153783) gie assenjat lil bin l-atturi Mark Anthony Ferris u ghalhekk huwa kien unikament responsabbli ghal dan id-dejn u kwalunkwe obbligi naxxenti mill-istess.*
c. *Illi fl-1 ta' Settembru 2009 kull bilanc dovut fuq il-facilita' ta' overdraft numru 40014153783 thallas (vide Dokument D).*
d. *Illi fid-9 ta' Settembru 2009, Mark Ferris wahdu, minghajr l-gharfien u jew il-kunsens tal-eccipjenti ha facilita ta' overdraft minghand il-Bank of Valletta p.l.c. Din il-facilita ghandha n-numru 40018513727. Minkejja li l-eccipjenti qatt ma talbet il-bank biex tinghata l-facilita u qatt ma iffirmat xi*

*formola, kuntratt jew dokument biex tittiehed din il-facilita u qatt ma hadet Euro mill-ammont ta' €17,761.41 li ingibdu mill-istess kont, il-kont gie intestat fl-ismijiet Mark Anthony Ferris and Mrs. Silvana Ferris. Dan id-dejn sar meta bejn l-eccipjenti u Mark Anthony Ferris kien gja jopera r-regime tas-separazzjoni tal-beni u ghalhekk hija ma tistax titqies responsabbli ghall-istess dejn.*

e. *Illi kien proprju id-dejn dovut fuq il-kont ta' overdraft numru 40018513727 li thallas mill-atturi (vide dokument E) u ghalhekk l-atturi ghamlu tajjeb ghal dejn li ttiehed minn binhom Mark Anthony Ferris wahdu.*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi fethu dawn il-proceduri purament biex jivvessaw u jimmolestaw lill-eccipjenti u dan minhabba li huma huma kienu kisbu titolu esekuttiv kontra binhom Mark Anthony Ferris, ghall-ammont shih u ghazlu li jinsistu li jipprocedu kontra l-eccipjenti ghal nofs l-ammont pretiz, nonostante il-fatt li kienu ben konsapevoli li l-istess binhom kellu bizzejjed fondi biex ihallas l-ammont kollu pretiz. Ghaldaqstant l-eccipjenti m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi."*

**Joseph Caruana** xehed fit-23 ta' April, 2015 ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta u tenna li l-Qorti ezentatu mis-sigriet bankarju tieghu. Huwa esebixxa bhala Dokument CSH *opening form*, bhala Dokument CSH1 *mandate form* u l-*istatement* relattiv ghal dan il-kont li gie mmarkat bhala Dokument CSH2. Ix-xhud ikkonferma li dan il-kont huwa maghluq u filfatt dan inghalaq fl-1 ta' Settembru 2009. Il-fondi effettivament kienu ntefghu go kont iehor. Ix-xhud stqarr li kien infetah *consumer loan* iehor f'isem Mark Anthony Ferris fil-31 ta' Awwiss, 2009 u nghalaq fid-9 ta' Ottubru 2009. Ix-xhud kompla billi qal li l-bilanc tieghu marru f'dan l-istess

kont l-iehor u cioe' fit-tielet kont. Id-dokumenti relattivi ghal *consumer loan* gew immarkati bhala Dokument CSH3. Ix-xhud kompla jghid li fid-9 ta' Ottubru tas-sena 2009 infetah *overdraft account* iehor f'isem Mark Anthony and Silvana Ferris.

Ix-xhud esebixxa ghal darb'ohra l-*opening form* li giet mmarkata bhala Dokument CSH4, il-*mandate form* li giet mmarkata bhala CSH5 kif ukoll l-*istatement* relattiv li gie mmarkat bhala Dokument CSH6. Ix-xhud spjega illi meta gew maghluqin iz-zewg kontijiet li tkellem dwarhom il-flejjes gew depozitati f'dan l-istess kont. Ix-xhud kompla jispjega li flok *mandate form* kien esebixxa ittra li giet immarkata bhala Dokument CSH5.

Meta gie mistoqsi jekk hemmx xi firma ta' Silvana Ferris ghal ftuh ta' dan it-tielet kont wiegeb li ma jirrizultalux li hemm. Ix-xhud saritlu referenza ghal Dokment CSH5, u meta gie mistoqsi jispjega l-kontenut ta' din l-ittra wiegeb illi minn informazzjoni li rnexxielu jgib, Mr Ferris kien mar il-branch taz-Zejtun u meta fetah it-tieni kont f'isem Mr Ferris, huwa pproduca xi dokumentazzjoni dwar is-separazzjoni u ma kien hemm imkien indikat illi l-facilitajiet kien ha jassorbihom hu u ghalhekk il-branch rega' fetah il-kont kif kien originarjament.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk kienx hemm xi kontijiet ohrajn li bidlulhom in-numri, ix-xhud wiegeb li m'ghamilx ricerka dwar dan u ma jirrizultalux li effettivament il-bank biddel xi numru tal-kontijiet tal-klijenti. Meta x-xhud gie mistoqsi, jekk iz-zewg kontijiet imsemmija fl-ittra mmarkata bhala Dok. CSH5 humiex zewg kontijiet separati, wiegeb illi huma bin-numri, pero' l-flejjes gew trasferiti minn kont ghal kont. Ma jirrizultalux li fuq l-*opening form* hemm filfatt il-kunsens ta' Mrs Ferris meta nfetah it-tielet kont.

**Roderick Abela**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehed nhar is-27 ta' Mejju 2015 u qal li jokkupa l-kariga ta' Head ta' Litigation Department, Recoveries Department tal-Bank of Valletta, waqt li fis-sena elfejn u disgha kien jokkupa l-kariga ta' Branch manager tal-fergha taz-Zejtun. B'referenza ghal dokument esebit fl-atti a fol 77 tal-process b'mod partikolari ghal kont intestat f'isem il-kontendenti jghid li kien ghal habta tax-xahar ta' Awwissu tas-sena 2009 li kien mar jarah l-ufficcju Mark Ferris li dak iz-zmien kellu *overdraft* flimkien mal-mara tieghu Silvana Ferris u dan ghaliex kien jopera xi negozju ta' xi customs clearance jekk jiftakar sew u kien qallu li kien hemm diffikultajiet fiz-zwieg taghhom tant li kienu waslu f'separazzjoni. Filfatt qallu li huwa xtaq jiehu responsabbilta' sabiex ihallas dan il-kont.

Qal li dak il-mument ma sabx oggezzjoni u ghalhekk saret transazzjoni li fil-31 ta' Awwissu tas-2009 nghalaq l-overdraft originali li kien intestat f'isem il-konjugi Ferris u nfethet loan intestata biss f'isem Mark Ferris. Dan sar billi nghalaq kont u nfetah iehor. Jghid li huwa kien talab lil Mark sabiex johodlu dokumentazzjoni sabiex jipprova li effettivament kellu din il-problema fiz-zwieg u li kien qed jissepara. Pero' baqa' ma hadlu l-ebda dokumentazzjoni. Attwalment ma jafx jekk hadlux xi dokument pero' jaf li ma ra l-ebda provvediment illi kien qed jassumi d-dejn hu personalment u ghalhekk ikkonsulta mal-legal department taghhom u fuq parir taghhom qallu biex jerga' jirriversja t-transazzjoni originali li kien ghamel. Qal illi teknikament una volta l-kont jinghalaq ma jistax jirrijattiva l-istess numru. Ghalhekk sabiex jerga' jpoggi kollox fl-istess sitwazzjoni li kienet *status quo ante* fetah dan il-kont li huwa ndikat a fol 77 u ghalhekk il-kont rega gie lura fl-istess posizzjoni li kien qabel. Pero' ma kienx *overdraft* kien *loan* u ghalhekk jghid illi l-l*oan* li kien infetah ghal dawk ix-xahrejn bejn Awwissu u Ottubru nghalaq u l-kont gie kif kien qabel f'Ottubru tas-sena 2009. L-istess *overdraf* bl-istess fondi, *account number* differenti. Jghid illi c-cirkostanzi kienu tali illi l-legal office riedu li huma jirriversjaw lura ghas-sitwazzjoni li kellhom qabel.

Muri d-dokument a fol 18 li huwa l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti Ferris u spjega li fil-porzjon A hemm *overdraft* f'isem *custom services* li huwa tal-Bank of Valletta u li kien qed jassumieh r-ragel u mistoqsi jekk dan huwa l-istess kont li huwa ghadu kif xehed dwaru jghid li iva dan huwa l-kont originali. Cio' nonostante l-bank ma kienx ko partecipi f'dan il-ftehim u ghalhekk m'accettax dan il-ftehim. Ghalhekk issa li qed jiffriska l-memorja u qed jara d-dokument jghid illi iva kellu kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet pero' l-bank hass peress li ma kienx ko partecipi f'dan il-ftehim ma setghax jaqbad u jbiddel id-dejn li kien hemm bejn il-konjugi u jassumih biss Mark Ferris. Effettivament kien diga' ghalaq l-ewwel kont meta mbaghad tkellem mal-legal office u kien ghalhekk li huwa kellu jaghmel *reversal* ghaliex kien diga' ha id-decizjoni qabel ma tkellem mal-legal office.

Ikkonferma li effettivament din l-ittra kien bghatha hu lill-konjugi Ferris u ghamel referenza ghal dak li qal fil-bidu tax-xhieda tieghu li una volta kont jinghalaq, ma jistax jerga' jigi riattivat u ghalhekk amministrattivament kellhom ibiddlu n-numru u kien ghalhekk li huwa nfurmah li dak il-kont kellu numru differenti u l-idea kienet biex jekk huwa jkun se jaghmel xi depoziti jaghmlu bil-kont bin-numru l-gdid.

Huwa minnu li kien hemm passagg ta' imghax pero' essenzjalment il-korp tal-flus huwa l-istess flus li kien hemm fil-bidu fl-ewwel kont. Bil-flus li ha Mark Ferris jaf li nghalqet l-ewwel overdraft u ghalhekk l-ewwel *overdraft* kienet giet estinta bl-*overdraft* li kien ha Mark Ferris wahdu.

In kontro-ezami kkonferma li l-kont originali kien inzamm maghluq bejn il-31 ta' Awwissu 2009 sad-9 ta' Ottubru 2009 u harsa lejn l-*istatements* tindika l-passagg tal-imghaxijiet fuq dan il-loan f'isem Mark Ferris. Mistoqsi jekk bhala manager ghandux l-*ultimate authority* tal-bank jghid illi

huwa ghandu *discretionary limit* fil-bank u dan l-ammont f'dan il-kaz kien jaqa' taht id-*discretion* tieghu u ghalhekk id-decizjoni tieghu kienet wahda effettiva. Pero' una volta jkun hemm kwistjoni legali kif kien hemm f'dan il-kaz huwa jkollu jaghmel referenza lill-Legal Office taghhom u in segwitu mexa fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Legal Office. Spjega li skont hu t-tieni kont li nfetah gab il-klijenti fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma nfetah l-*interim account*. Qal li kieku kien possibbli mis-sistema tal-komputers tal-bank, kien juza l-istess *account number,* pero' dan mhux possibbli. Izda kompla li filfatt ma kien hemm bzonn l-ebda dokumentazzjoni gdida ghall-ftuh tat-tieni kont ghaliex huma ma biddlu xejn mill-mandat originali salv l-*account number* u ghalhekk imxew bl-istess firem tal-partijiet tal-kont originali. Inoltre qal illi bhala kundizzjonijiet fil-kont ma kien hemm l-ebda tibdil u ghalhekk jekk kien hemm Lego 1 baqa' vigenti l-istess Lego 1 li kien hemm. L-obbligi taht il-Lego 1 baqghu kollha l-istess ukoll. Mistoqsi jekk is-sinjura Ferris kinitx involuta f'dawn it-transazzjonijiet, stqarr illi ma jiftakarx.

Kompla li l-bank kien jafu illi l-partijiet kienu ghaddejin minn separazzjoni sad-9 ta' Ottubru 2009. Ikkonferma illi l-firma ta' Silvana Ferris ma kinitx prezenti ghall-ftuh ta' l-ahhar kont. Mistoqsi ghaliex ma baghtux ghas-sinjura Ferris biex tiffirma, qal li huma hassew li una volta s-sitwazzjoni kienet ha tkun bhal dik originali ma kienx hemm il-htiega. Il-bank ma kellu l-ebda intenzjoni ta' xi ngann.

**Roderick Abela** rega' xehed fl-4 ta' Mejju, 2016 li kkonferma li jokkupa l-kariga ta' Kap tad-dipartiment tar-*Recoveries* gewwa l-Bank of Valletta u fit-2009 kien jokkupa l-kariga ta' kap tal-fergha ta' BOV gewwa z-Zejtun. Fost id-diversi klijenti, kien hemm kont intestat lill-konjugi Mark u Silvana Ferris. Dana kien overdraft account u kien jintuza ghal xi *customs service clearance*. Zied li bhala parti mir-review li jaghmlu kull sena kienet waslitlu informazzjoni li s-sinjuri Ferris kienu sseparaw u hu kien gie

nfurmat illi s-Sur Ferris bhala parti mis-separazzjoni kien assuma d-debiti. Ghalhekk kien ha d-decizjoni li ghalaq il-kont joint li kien hemm bejniethom u fetah kont iehor f'isem Mark Anthony Ferris biss bl-account numru 40018430389. Qal li meta inghalaq il-kont konguntiv bit-tranzazzjoni li saret fil-31 ta' Awwissu, kien hemm pendenti 17,638.01 u spjega li ghalhekk dan id-debitu li kien hemm kongunt sar proprjeta' ta' Mark Ferris biss.

Zied li kien ikkonsulta mal-Legal Office tieghu u dawn staqsewh jekk kienx hemm xi prova dwar din is-separazzjoni. Il-bank qallu li ma kienx *privy* ta' dan l-arrangament bejn il-konjugi Ferris u ghalhekk il-Legal Office tieghu kien tah parir li jerga' jaghlaq il-kont li kien fetah f'isem Mark Anthony Ferris u jerga' jirritorna l-posizzjoni *status quo ante* u una volta l-*overdraft* kien gie maghluq ma setax jerga' jirriattivah u ghalhekk l-unika alternattiva kienet li jerga' jiftah kont mill-gdid - it-tielet kont. L-ammont ta' flejjes kien gie trasferit fih. Dana kien fid-9 ta' Ottubru 2009 u l-ammont kien 17,735.97. Filfatt minhabba l-kwistjoni tal-imghax il-kont kien tela' ghal 17,761.41. Ix-xhud esebixxa d-dokument li jindika dan li l-Qorti mmarkat bhala Dokument BOV. Esebixxa wkoll iz-zewg kontijiet l-ohra li tkellem dwarhom li gew immarkati bhala Dokument BOV1 u BOV2.

**Roderick Abela** xehed ghal darb'ohra fil-25 ta' Mejju, 2016 u spjega li wara li kien xehed fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, qabbad l-arkivista tad-dipartiment tieghu sabiex jirrintraccalu l-file, pero' sfortunatament dan ma nstabx. Saru diversi tentattivi u baqa' ma nstabx sal-gurnata tal-lum. Qal li ghalhekk m'ghandux xi jghid xejn aktar milli qal fis-seduta precedenti. Mistoqsi min kien qallu li Mark Ferris kien issepara minn mal-mara meta huwa fetah il-kont f'ismu, wiegeb li effettivament din l-informazzjoni tahielu missier Mark Ferris pero' ma jiftakarx jekk kienx fil-prezenza ta' Mark jew le. Pero' kien missier Mark li ha l-inizjattiva biex dan id-dejn jigi saldat. Huwa kien informa lil-legal office li kien ghamel dan il-kont gdid

fejn dawn qalulu li kien zbalja ghaliex il-bank ma kienx parti f'dak il-kuntratt u ghalhekk qalulu biex jirriversja l-pozizzjoni. Pero' una volta kien ghalaq kont ma setax jerga' juza l-istess numru, kellu jiftah kont b'numru gdid. Insista pero' li l-istess dejn li kien hemm baqa' hemm. Zied li lil Silvana Ferris kien taha n-numru tal-kont il-gdid u kien qalilha li amministrattivament kien inbidel in-numru tal-kont biss. Id-dejn baqa' l-istess.

**Mark Ferris** xehed fid-9 ta' Marzu, 2016 fejn ikkonferma li hu kien mizzewweg lil Silvana Ferris u sseparaw permezz ta' kuntratt bonarju datat 25 ta' Frar 2008, liema kuntratt jinsab ezebit fl-atti a fol 14 et sequitur. Skont dan il-kuntratt hu kellu jassumi certi djun li kien hemm naxxenti mill-*overdraft*. Pero' zied li in segwitu ta' dan l-iffirmar ta' dan il-kuntratt, huwa w martu kienu regghu irrikonciljaw u damu jghixu flimkien sa Gunju 2010 u f'Ottubru / Novembru 2011 u mbaghad gie affrontat b'kawza ohra quddiem il-Qorti tal-Familja biex jigi revedut il-kuntratt. Qal li filfatt hemm kawza *sub judice*, tinstema' quddiem l-Imhallef Abigail Lofaro. Meta talab ghal spjega ghaliex kellhom jergghu jaffaccjaw proceduri godda, il-perit legali jew l-Imhallef qalulu li una volta kien hemm rikonciljazzjoni l-kuntratt ma kienx baqa' jghodd. Iddikjara li huwa ma ffirma l-ebda kuntratt sabiex rega' gab il-komunjoni tal-akkwisti in vigore bejniethom.

Semma li Silvana Ferris kellha tassumi r-responsabilita' tal-vettura tal-ghamla Daewoo, numru ta' registrazzjoni 659 u dan skont il-kuntratt Dok. C esebit, pero' ghadha ma hadithiex peress li kien hemm certu problemi fuqha. In oltre l-insurance li kien hemm fuq il-minuri Christian Mark li kellha tigi likwidata ghadha mizmuma ghandha u ghadu ma ha l-ebda risposta dwarha. Kompla li skont il-kuntratt ezebit fl-atti skont il-*bullet number seven* ta' Dok. C, l-*overdraft* kellu jigi assunt minnu. Cahad kategorikament li f'Settembru 2009 kien ha xi facilita' bankarja. Insista li hu m'awtorizza l-ebda bank biex jiftah jew jaghlaq xi kont u ma ffirma l-

ebda dokument f'dan is-sens ghalkemm ikollu kuntatt regolari mal-bank BOV. Qal li kien kellem lil certu Bertu Pace dwar xi *loan* li kellu, pero' ma jftakarx ezattament li kien qallu xi haga fuq xi kont minn tieghu. Stqarr li kien tkellem ukoll mal-manager tal-bank taz-Zejtun Roderick Abela, ghalkemm ma jiftakarx x'diskors sar ghaliex ghaddew seba' snin, pero' sostna li zgur li qatt ma ta xi awtorizzazzjoni lil xi bank biex jinghalaq xi kont jew jinfetah iehor. Filfatt lanqas jaf li effettivament sar dan li qed jigi suggerit lilu u barra minn hekk hadd ma nfurmah li effettivament infetah xi kont iehor f'ismu. Zied li naturalment biex jinfetah kont hu ried fiffirma ghalih u ghalhekk kieku jaf, pero' nsista li hu ma ta l-ebda firma ghal ftuh ta' kont.

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha esebew kopja awtentikata tar-rikors guramentat pprezentat mill-konvenuta odjerna fejn fih qed titlob lill- Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti (s-sitt talba) liema kopja giet annessa u mmarkata bhala Dok AF.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016 fejn talbu wkoll li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Ili bhala fatti jirrizultaw is-segwenti u dawn m'humiex kontestati.

1. Illi l-konvenuta Silvana Feris kienet mizzewga ma' bin l-atturi Mark Ferris u dawn isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt quddiem in-Nutar Clinton Bellizzi nhar il-25 ta' Novembru 2008 (Dok C) u permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejniethom.

2. Illi f'dan il-kuntratt hemm indikat li d-djun u cioe' il-kontijiet mal-Bank of Valletta bin-natura ta' overdraft intestat f'isem Customs Services bin-numru 40014153783 kif deskritt fil-klawsola numru (i) taht it-titolu intestat 'Djun' qed jigi assunt minn Mark Ferris kif ukoll jidher mill-klawsola numru (6) taht l-parti rigward 'Porzjon A li sejra tigi assenjata lir-Ragel' (fol 18).
3. Illi jirrizulta li dan il-kont kien intestat f'isem il-konvenuta u Mark Ferris liema kont kien igib in-numru 40014153783 u sussegwentement inbidel ghal 40018513727 (vide statement of accounts a fols. 76 u 77).
4. Illi f'Awwissu 2009 kien mar Mark Ferris il-bank u tkellem ma' Roderick Abela li kien jokkupa l-kariga ta' Branch Manager iz-Zejtun u kien qallu li kien qed jissepara minn ma' martu u li xtaq jiehu r-responsabbilita' ta' dan il-kont u jhallsu.
5. Dan is-sur Abela ma sab l-ebda oggezzjoni u ghalhekk fil-31 ta' Awwissu 2009 kien ghamel transazzjoni fis-sens illi ghalaq dan il-kont *overdaft* li kien miftuh f'isem il-konjugi Silvana u Mark Ferris u fetah kont gdid f'isem Mark Ferris wahdu.
6. Jirrizulta li in segwitu dan Roderick Abela kien tkellem mal-Litigation Office tal-bank u dawn qalulu li ma setghax jaghmel hekk ghaliex huwa ma kienx parti mill-kuntratt li kien hemm bejn Mark u Silvana Ferris u ghalhekk rega' fetah kont iehor, it-tielet wiehed u rega' ittrasferixxa d-dejn li kien hemm fil-kont li kien hemm f'isem Mark Ferris li kien infetah wara li kien wera x-xewqa li jassumi id-dejn tieghu u dan it-tielet kont infetah f'isem l-istess Mark Feris u Silvana Ferris u dan minkejja li ma jirrizultax li Silvana Ferris tat xi awtorizzazzjoni ghal ftuh ta' dan il-kont.
7. Jirrizulta mix-xhieda ta' Roderick Abela li huwa qabad u ghalaq l-ewwel kont li kien hemm *overdraft* intestat f'isem Silvana u Mark Ferrris, fetah *loan account* f'isem Mark Ferris u rega' fetah it-tielet kont u fethu f'isem Mark u Silvana Ferris wara li kien tkellem mal-legal Office tal-Bank u meta qatt ma kien ikkomunika ma' Silvana Ferris minkejja li dawn il-kontijiet jaffettwaw u jikkoncernaw lilha. Ghalhekk il-konvenuta ma ghamlet l-ebda

firma fuq xi transazzjoni relatata ma' dawn mat-transazzjonijiet li sehhew in segwitu tal-ftuh originali ta' dan il-kont.

8. Ikkonferma wkoll l li stante t-trapass taz-zmien kien akkumula ukoll xi imghax fuq l-kont originali.
9. Roderick Abela jghid li fil-grad li kellu mal-Bank huwa kellu discretionary limit u l-ammont ta' dan il-kont kien jaqa' taht id-diskrezzjoni tieghu.
10. Roderick Abela jsostni li huwa ma biddel xejn mill-mandat originali li kellu salv l-account number u kien ghalhekk li mexa fuq l-istess firem originali li bihom infetah l-ewwel kont originali f'isem il-konjugi Mark u Silvana Ferris u dan minkejja li kien jaf li bejn il-konjugi kien gie redatt kuntratt ta' separazzjoni fejn kienet giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti u li d-dejn kien gie assunt minn Mark Ferris.
11. Jirrizulta bhala fatt skond dak li stqarret Silvana Ferris fl-eccezzjonijiet taghha mhux kontradetti, anzi korrobarati mix-xhieda ta' Roderick Abela li effettivament hija saret taf b'dan it-tibdil fin-numru tal-kont bankarju permezz ta' ittra li giet mibghuta lilha nhar id-9 ta' Ottubru 2009 ( Dok Z a fol. 90) fejn giet mgharrfa mis-Sur Abela b'mod ufficcjali li n-numru tal-kont taghha kien tibiddel minn 40014153783 ghal 40018513727 u minn ezami ta' din l-ittra lanqas ma hemm x'jindika li effettivament dan kien kont gdid.

Illi l-atturi li kienu garanti ghal kont originali xtaqu li jirkupraw minghand il- konvenuta Silvana Ferris nofs id-dejn li kien hemm registrat fuq dan it-tielet kont u dan ghaliex il-bank kien dar fuqhom sabiex jithallas dan id-dejn pero' il-konvenuta ssostni li hija mhix il-legittima kontradittrici f'din il-kwistjoni peress illi hija ma tat l-ebda permess sabiex jinfetah dan it-tielet kont mertu tal-kawza odjerna u li kollox kien sar minn Mark Ferris flimkien mal-Bank Manager Roderick Abela ad insaputa taghha. Ghaliha l-pendenza kienet spiccat meta l-istess Mark Ferris kien assuma dan id-dejn permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni pprezentat fl-atti meta itterminat il-komunjoni tal-akkwisti li hija kellha ma' l-istess zewgha Mark Ferris.

M'hemmx dubbju li l-Bank ma mexiex b'mod professjonali u dan ghaliex una volta qabad u ha d-decizjoni li jaghlaq kont bla ma jibghat ghall-firmatarji tal-kont kienet decizjoni zbaljata. Ma hemmx dubju lanqas li d-decizjoni li jiftah it-tielet kont f'isem Mark u Silvana Ferris wahdu minghajr ma jitlobhom il-firma jew approvazzjoni taghhom hija daqstant zbaljata. Mhix skuza li l-Bank Manger jghid li huwa agixxa b'dan il-mod wara li kien ha parir mill-legal office tal-Bank ghaliex semmai messu ha dan il-parir qabel ma beda jghaffeg. Ir-rapprezentanti tal-bank ma jistghux jaqbdu u jitrasferixxu flejjes ta' klijenti minghajr awtorizazzjoni taghhom. Il-Manager ta' Bank ikun qed jagixxi ghan-nom tal-Bank u ghalhekk jassumi kull responsabilita' ghal kull decizjoni li huwa jiehu fir-rigwad tal-klijent li jkun qed jaqdi.

B'dak li ghamel is-sur Roderick Abela hu li kkreja novation. Fil-fatt skond il-gurisprudenza nostrana fosthom il-kawza deciza fl-ismijiet '**John's Garage Ltd vs Nicholsons The Supermarket Ltd**', - Qorti tal-Appelli Civili Inferjuri deciza 22 ta' Gunju 2005 (Appell Civili Nru 488/2002/1) f'pg 7 tispjega wkoll li anki

*"billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra."*

Illi fil-kaz in dezamina zgur li l-intenzjoni ta' Mark Ferris meta mar ikellem lil Roderick Abela sabiex jaghlaq il-kont li kellu ma' martu Silvana u jassumi d-dejn hu kienet tfisser obbligazzjoni gdida li hu kien obbliga ruhu li jaffettwa skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali teighu. Ghalhekk din ma hix kwistjoni ta' modifikazzjoi fi ftehim jew addirittura li l-partijiet jitqieghdu fi status quo antes kif donnu spjega s-sur Roderick Abela izda

kwistjoi fejn b'dak li talab Mark Ferris u cioe' li jassumi d-dejn u jinfetah kont f'ismu kien jammotna ghal obbligazzjoni gdida.

In-novazzjoni huwa mod ta` estinzjoni ta` obbligazzjoni. Huwa inkorporat fl-**Art.1179 et seq tal-Kap.16**. Ghall-fini tal-kaz tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti principali hija l-**Art. 1179(a)** li jghid li hemm novazzjoni "*meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca".* Ghalhekk in-novazzjoni huwa ftehim li ghandu l-effett li jestingwi obbligazzjoni u jikkostitwixxi obbligazzjoni ohra. Il-bidla fl-oggett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din taghti lok ghal obbligazzjoni gdida li tkun nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni originali. L-indagni li trid issir hija jekk il-partijiet riedux semplicement bidla tar-rapport guridiku fis-sens pero` li dak ir-rapport guridiku jibqa` immutat fl-identita` tieghu, inkella riedux joholqu rapport guridiku gdid. Dan ghaliex kif jinghad fl-**Art.1181(1)** "*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla".* Kwindi "*biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta` l-esistenza taz-zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubju, innovazzjoni ghandha tigi eskluza"* (**Kollez. Vol. XXXIV.II.657 ; Vol. XLVIII.II.794 u Vol.L.I.412**).

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Mejju 1956 fil-kawza "**<u>Koludrovich vs Muscat</u>**", il-Qorti tal-Appell irrilevat – "*Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika ghalhekk iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata."*

Sabiex jista` jinghad li hemm l-*animus novandi* intiz bhala l-volonta` esternata mill-partijiet fl-ewwel lok irid ikun komuni ghaz-zewg kontraenti, fit-tieni lok trid tirrizulta r-rieda taghhom it-tnejn li l-obbligazzjoni ta` qabel tigi estinta, u fit-tielet lok l-*animus* irid jirrizulta b'mod inekwivoku u ppruvat minn fatti konkludenti. Kien deciz illi:

"*quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non puo` mai essere presunta, ed e` di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in giurisprudenza dovere la stessa chiaramente risultare"* (**Kollez. Vol. XXVII.I.935**).

In-novazzjoni huwa istitut li kien jezisiti anke fid-Dritt Ruman. Issa fid-Dritt Ruman, l-*animus* ried ikun espress sabiex issehh novazzjoni (ara : Lee – "*The Elements of Roman Law*" – Fourth Edition – Pag.418). It-tendenza fid-dritt modern daret lejn il-htiega li l-intenzjoni tkun **cara** aktar milli espressa.

Fl-**Art.1180(2)** jinghad li n-novazzjoni "*mhix prezunta ; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".* Fis-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 1952 fil-kawza "**Frendo Randon vs Gera**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk – "*U jekk stess parti wahda kellha dak l-animu* (b`riferenza ghall-*animus novandi*) *jehtieg dejjem li jkun hemm l-akkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni."*

Fis-sentenza "**Koludrovich vs Muscat**" (op. cit.) kien rilevat ukoll li :
"*In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza."*

Fis-sentenza '**Catania vs Degiorgio**' moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1958 jinghad hekk:

"*Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista` tkun anke tacita, pero` irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta` taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bilfors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u talespromittent ... U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u inekwivoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-25 ta` Marzu 1993 fil-kawza "**Busuttil noe vs Mallia**", hemm precizat li ghalkemm *in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta,* anzi ghall-kuntrarju ghandha tirrizulta bic-car fl-istess waqt biex dan isir *ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali.* U n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta ghaliex bazikament tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra.

Il-**Giorgi** ("*Delle Obbligazioni*", Vol.VIII Para.242) jikkummenta li tkun tacita l-intenzjoni biex issehh novazzjoni "*quando risulta dalla incompatibilita` tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta` di novare.*

*Della quale incompatabilita' sono queste le caratteristiche :*

*1. Che il debitore sia stato svincolato assolutament dalla obbligazione primitiva ;*

*2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e` vera novazione ...*

*La nuova obbligazione nulla conserva, per regola, della natura e degli effetti che aveva l'antica, ma prende la natura e gli effetti proprii della sua*

*indole giuridica."* (ara ukoll : "**Bongailas vs Deguara**" – Qorti tal-Appell – 22 ta' Novembru 1989 ; u "**Mizzi vs Ennis" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Gunju 1984).

M'hemmx dubju li meta l-Bank qabad u ghalaq il-kont originali li kien f'isem Sylvana u Mark Ferris huwa kien qieghed jesimi lill-partijiet mill-obbligu taghhom lejn il-Bank. Issa meta is-Sur Abela fetah kont gdid f'isem Mark Ferris kien kuntent li d-debitur tal-bank kien biss is-Sur Mark Ferris. Ma jistax issa il-bank jiftah kont iehor gdid u jerga' idahhal lil Silvana Ferris bhala propretarja tal-kont meta effettivament hija qatt ma kienet infurmata bl-istess ftuh u wisq inqas ghalhekk qatt ma tat il-kunsens taghha li tkun debitrici tal-bank . L-intenzjoni taghha kien qieghed li l-kont originali kellu jigi assunt minn Mark Ferris u meta l-Bank ghalaq dan il-kont u fetah kont iehor f'isem Mark Ferris, il-Bank kien laqa' ix-xewqa tal-istess Sylvana Ferris kif deskritta mill-kuntratt ta' separazzjoni esebit fl-atti u li kien gja f'idejn il-bank.

Ghalhekk dan iwassal ghall-eccezzjoni tal-konvenuta u cioe' li hija mhix il-legittima kontraditrrici f'din il-kawza. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-*

*premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** fejn inghad:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partiiiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet '**Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono nomine et'** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

*"...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Frank Cilia noe vs Charles Scicluna*** *deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-*

*sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima*** *deciza fit-30 ta' April 19921:*

*"Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni; Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tarregola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203. Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li 1 Vol. LXXVI iv 677. kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."*

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell gie ritenut ukoll li:

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.*

*Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (****John Vella noe v. Anthony Vella et****, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."*

U aktar tard ziedet li:

"*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999).*"

Mis-suespost jemergu dawn il-principji:

- normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu; (ghalhekk meta Mark Ferris talab li jkun hemm gheluq tal-kont huwa kien qed jassumi d-debitu kollu u l-bank kien kuntent b'din id-decizjoni tant li laqa' it-talba tieghu.)

- Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni (f'dan il-kaz zgur ma giex provat li l-konvenuta kienet ko-partecipi f'dawn it-transazzjonijiet);

- fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz; (f'dan il-kaz ma hemmx prezunzjoni izda decizjoni arbitrarja mehuda minn rapprezentant tal-Bank)

- kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in buona fede; (m'hemmx dubbju li dak li ghamel Mark Ferris kien in buona fede u li kien qed isegwi il-kuntratt ta' separazzjoni)

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-konvenuta ghandha ragun tghid li hija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan ghaliex il-kont in kwistjoni ma jghajjatx lilha, illi hija qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-ftuh tieghu, qatt ma ffirmat bhala firmatarju tieghu u ghalhekk zgur li issa ma tistax tigi msejha sabiex thallas id-dejn li kien hemm f'dan l-istess kont.

Il-fatt li l-atturi qed jghidu li kien hemm rikonciljazjoni u ghalhekk il-kuntratt ta' seprazzjoni ma jghoddx hija biss kongettura f'dan l-istadju u sakemm ma jigix rixess jibqa' legalment validu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta li mhix il-legittima kontradittrici tal-atturi, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza u ghalhekk tordna li l-istess konvenuta tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez huma kollha a karigu tal-istess atturi.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**